MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 44/8

**It-Tlieta 9 ta' Marzu 2021**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

044.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

044.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti (40[4/2/2021] 41 [9/2/2021] 42[11/2/2021] 43[23/2/2021])

044.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

044.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

044.5 Rapporti;

044.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

044.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

044.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta u kwart ta` filgħaxija (6.15pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 044.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija.

### 044.2. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti (40[4/2/2021] 41 [9/2/2021] 42[11/2/2021] 43[23/2/2021])

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 40/8,41/8,42/8 u 43/8 nem con.

**044.3. Komunikazzjoni mis-Sindku;**

044.3.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar Mandat ta` Inibizzjoni li l-Kunsill ircieva dwar il-bus shelter li sar fis-service ta` Triq Hal-Ghaxaq. Il-Kunsill diga` tkellem mall-avukat sabiex ikun jista` jwiegeb ghal dan il-mandat. Is-Sindku zieded tghid li minhabba l-mandat, ix-xoghol ser ikollu jieqaf.

044.3.2 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-un loading bay li saret fis-service road ta` Triq Hal-Ghaxaq, fejn din saret minn IM. Fl-ittra li kien rcieva l-Kunsill minghand TM kienet tghid li l-bay kienet ser tkun mhux aktar minn 8 metri. Dwar dan il-Kunsill bghat korrispondenza lill-TM.

044.3.3 Is-Sindku ghamlet referenza ghal Triq Fidloqqom, liema triq taghmel parti mill-Gudja u parti minnha minn Hal-Ghaxaq. Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jara ezatt sa` fejn jaslu l-konfini.

044.3.4 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar il-problema li hemm b`cable li jaghti ghad-dawl ta` Gnien Raymond Caruana. Is-Sindku qalet li dan il-cable qieghed taht l-art u l-Enemalta qed tghid li dan il-cable mhux taghha. IM li qed taghmel id-dawra ta` mall-Gnien qed titlob sabiex il-Kunsill jaqla` l-cable u jghaddieh kif sippost minn taht l-art. Is-Sindku ziedet tghid li saru diversi diskussjonijiet mall-entitajiet ikkoncenati u trid tinstab soluzzjoni biex il-kuntrattur tal-IM jkun jista` jkompli bix-xoghlijiet ta` asphalt.

044.3.5 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li Triq Bir Miftuh ser tkun lesta ghal Mejju.

044.3.6 Is-Sindku nfurmat lill-kunsilliera li l-Kunsill kien bghat it-talba tieghu sabiex isiru road humps fi Triq V.Pasmore.

044.3.7 Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill ghal darb`ohra jerga` jfakkar lill-TM dwar it-traffic management ta` Triq il-Palazz u z-zona tal-madwar.

044.3.8 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill ghad fadalu xi flus mill-fondi li kien ha mill-AKL. Is-Sindku proponiet li jsiru cctv cameras ta` Loretu u open air gym fi Gnien iz-Zghazagh. Il-kunsillier S Caruana propona li l-open gym isir fuq il-gibjun ta` Xlejli.

044.3.9 Prezentata Cirk AKL202/21 – Sessjonijiet ta` Tahrig organizzati mill-AKL. Il-Kunsillier S Caruana nforma lill-Kunsill li kien ser jattendi ghal dan it-tahrig.

044.3.10 Prezentata Cirk AKL202/017 dwar Eko Skola. Il-Kunsill approva unanimament li napplikaw.

044.3.11 Prezentata Cir AKL202/018 – Tnedija tal-Programm YEP 2021 mibughta mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

044.3.12 Mibughta korrispondenza mill-Malta Libraries fejn l-Kunsill gie nfurmat li ghas-sena 2021 ser tigi allokata somma ta` sitt mitt ewro biex jintraw f`kotba ghall-librerija pubblika tal-Gudja.

Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsilliera jipproponu x`kotba jixtiequ li jixtraw b`dawn il-fondi. Il-Kunsillier S Caruana propona li jinxtraw kotba ghall-persuni neqsin mid-dawl u ***audio reading books.***

044.3.13 Gie prezentat draft tas-sejha ghall-offerti ghar-restawr ta` hitan tas-sejjieh fil-Gudja, liema xoghlijiet li ser isiru minn fondi li l-Kunsll kiseb minn fondi ewropej mill-mizura 4.4. Is-Sindku talbet sabiex jekk hemm xi emendi li l-Kunsill jixtieq jaghmel. Il-Kunsill approva unanimament dan id-dokument. Is-Sindku talbet sabiex is-sejha tohrog fuq l-EPPS.

044.3.14 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li sejha ghall-post vacant ta` Ufficjal Ezekuttiv kienet ghalqet u ghalhekk issa jridu jsiru l-intervisti. Minhabba sitwazzjoni tal-pandemija, is-Sindku proponiet li jsiru online. Ghall-intervisti ser jattendi Sindku, il-Kunsillier MA Sammut u s-Segertarju Ezekuttiv.

044.3.15 Prezentata ittra fejn resident informal ill-Kunsill li ghamel xi hsara fil-karozza fi Triq Santa Katerina minhabba xi njam li hemm fi Triq bhalissa. Il-Kunsillier MA Sammut staqsa jekk sarx rapport lill-Pulizija u giex prezentat lill-Kunsill. Is-Segretarju nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill ircieva biss ritratti tal-hsara u kwotazzjoni.

044.3.16 Giet diskussa korrispondenza li l-Kunsill ircieva mill-President tal-Kazin La Stella dwar talba biex isir monument fil-Gudja. Il-Kunsillier MA Sammut nforma lil dawk prezenti li l-unika entita li tista` tapplika ghal nom ta` dan il-kazin huwa l-Kunsill ghax lanqas Heritage Malta ma tista` tapplika ghalihom. Il-Kunsillier MA Sammut ippropona sabiex il-Kunsill japplika f`isem il-kazin u jibghat lid-Direttur tad-Dipariment tal-Implimentazzjoni u Strategija li l-Kunsill jkollu dikjarazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjara tal-Kunsill biex b`hekk ikun jista` jissottometi l-applilkazzjoni. Is-Sindku qalet li hija ma tarax ghalfejn il-Kunsill ghandu japplika ghall-nom tal-ghaqdiet meta l-monument ser isir mill-kazin stess. Il-Kunsill mexxa ma` li gie gwidat mid-Dipartiment u Direttur u tah no objection tieghu biex isir il-monument.

Il-Kunsill talab sabiex is-Sur Michel Mifsud jintervjeni fil-laqgha. Is-Sur Mifsud qed jitlob sabiex il-Kunsill jiehu decizjoni fuq dak propost ghax qed jittiehed hafna zmien u jhoss li qed ikun hemm nuqqas ta` gustizzja socjali lejn l-kazin taghhom.

Il-Kunsillier S Caruana propona li jittiehed vot fuq dak propost mill-Kunsillier MA Sammut.

Ghal darb`ohra il-Kunsillier MA Sammut propona li l-Kunsill ghandu jibghat lid-Dipartiment biex tinhareg id-dikjarazzjoni finanzjajra minn naha tieghu, biex b`hekk il-Kunsill jkun jista` japplika ghal din il-bicca art biex fiha jigi nstallat l-monument minn din l-ghaqda wara li l-Kunsill jkun dahal fi ftehim ma` din l-istess ghadqa.

Is-Sindku proponiet li l-Kunsill ghandu jimxi skond id-direzzjoni li nghatat mid-Diparitment li l-Kunsill jaghti no objection tieghu u l-applikazzjoni ma sirx minn naha tal-Kunsill imma mill-istess ghaqda.

Il-Vici Sindku JM Calleja nforma lil dawk prezenti li huwa ma kienx ser jiehu sehem f`dan il-vot minhabba konflitt ta` interess.

Il-Kunsillier S Caruana ssekonda l-proposta tal-kunsillier MA Sammut, il-kunsilliera M Micallef qablet mall-proposta tal-Kunsillier MA Sammut. B`hekk tghaddi l-proposta tal-Kunsillier MA Sammut bi tlett voti kontra wiehed.

**044.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

044.4.1 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jiehu safety measures fil-Gnien Raymond Caruana, billi jitnehhew xi tabelliu bankijiet li hemm fil-hamrija ghax jista` jwegga xi had maghhom.

044.4.2 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex tigi rrapurtata bozza tixghel u tifti fi Triq J.Pace kantuniera ma` Triq Bettina.

044.4.3 Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex il-Kunsill japplika biex isir bollard fil-kantuniera ta` Triq San Ciru ma` Triq R.Caruana.

044.4.4 Il-Kunsillier S Caruana staqsa jekk il-parkegg tal-area ta` Loretu kien tlesta mill-bankijiet u bins. Is-Sindku nfurmatu li dawn kienu saru.

**044.5 Rapporti;**

Ma kienx hemm rapporti.

**044.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)**
d. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
e. **Ġnien Ġlormu Cassar – progress**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar is-sitwazzjoni tal-Gnien Glormu Cassar, fejn spjegat li ftit tal-jiem ilu l-Kunsill kellhu laqgha mall-kuntrattur u rapprezentanti mill-Ministeru ta` Turizmu, fejn il-Kunsill gie nfurmat li xoghlijiet kienu lesti u li fil-jiem li gejjin kienet ser tinghata handover lill-Kunsill. Is-Sindku ziedet tghid li l-funtana ser ikollha bzonn manutenzjoni ta` kull gimgha u talbet sabiex tinghata spjegazzjoni lill-haddiema tal-Kunsill ta` x`tip ta` manutenzjoni hemm bzonn. Is-Sindku qalet ukoll li gie ssuggeriet li l-funtana tinxtghel biss ghal xi okazzjoni. Is-Sindku kompliet billi qalet li l-Kunsill mhux ser ikollu x`jaqsam ma` dawl u l-ilma, imma biss ghall-manutenzjoni tal-gnien u latrina pubblika. Il-Kunsillier S Caruana qal li l-funtana ghandha tixghel dejjem u l-gardinar responsabbli ghandu jiehu hsieb meta jahrat habba li hemm xi wires u pipijiet li qeghdin fil-wicc tal-hamrija.

**044.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Dan l-item ma giex diskuss.

**044.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fid-disgha u kwart ta` filghaxija (9.15pm). Is-Sindku aġġornat l-kontinwazzjoni ta` din il-laqgħa għal ghada l-Erbgha 10 ta` Marzu 2021 fil-hamsa ta` filghaxija (5.00pm) fuq l-istess agenda.

Konfermati, illum it-Tlieta 6 ta' April 2021

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv